REĠJUN ĊENTRU

---

# MINUTI

## Laqgħa tar-Reġjun Numru 28

## IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 28

It-Tlieta 29 ta' Ottubru, 2019

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 33, Triq il-Qasab, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Sindku H'Attard
Is-Sinjura Joanne Debono Grech – Sindku Birkirkara
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur Conrad Borg Manché – Sindku Gżira
Is-Sinjura Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Dott. Angelo Micallef - Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pieta'
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Trevor Fenech – Sindku San Ġwann
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera
Is-Sur Anthony Chircop – Sindku tas-Sliema

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

28.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qara l-ittri ta' apoloġija mingħand il-Kunsill Lokali ta' l-Imsida fejn is-Sindku, is-Sinjura Magaret Baldacchino Cefai, kif ukol is-sostitut tagħha, is-Sinjura Romina Galea, ma setawx jattendu għal din il-laqgħa. Is-Sur Fenech Adami ressaq ukoll l-ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit li ma setax jattendi.

28.1.2 Il-membri preżenti unanimament aċċettaw dawn l-ittri ta' apoloġija.

## 28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

28.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 27 li saret nhar it-Tlieta 24 ta' Settmebru 2019 kienu meħuda bħala moqrija.

28.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mill-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula.

28.2.3 *17:34pm – is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, wasal għall-laqgħa.*

## 28.3 Komunikazzjoni mill-President

28.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq il-proposta tiegħu sabiex tinħareġ skema mir-Reġjun ta' għajnuna finanzjarja għal Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun fi żmien il-Milied fejn ir-Reġjun Ċentru ser jirrifondi lura sa massimu ta' €2,500 lil kull Kunsill Lokali li jagħmel parti minn Kunsill Reġjonali Ċentru fuq spejjeż marbutin ma':

- Ħlas biex jitħallas servizz waqt avveniment tal-Milied (bħal kor);
- Ħlas ta' Uffiċjali tal-Komunità biex titella attività tal-Milied fil-lokalità;
- Ħlas marbut ma armar tal-Milied;
- Ħlas marbut ma' reklamar, promozzjoni u relazzjonijiet pubbliċi u/jew
- Spejjeż oħrajn ta' loġistika fosthom servizzi ta' dwal u sistemi ta' dawl waqt avveniment

28.3.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif sabiex Kunsill Lokali jkun jistà jibbenifika minn din l-għajnuna finanzjarja, il-Kunsill Lokali għandu

- F'kull promozzjoni jsemmi li l-attività qed titella "bl-għajnuna ta' Reġjun Ċentru" u trid tkun stampata l-istemma tar-Reġjun maġemb tal-Kunsill Lokali
- Irid jittella' reklam fuq il-paġna tal-Facebook Page tal-Kunsill u fuq tar-Reġjun
- L-attività trid tkun imtellagħa mill-Kunsill Lokali u jistgħu jingħaqdu Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun flimkien fl-attività waħda.
- Japplika mar-Reġjun u jġib l-approvazzjoni.

28.3.3 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li biex Kunsill Lokali japplika għal dawn il-fondi għandu jibgħat bil-miktub informazzjoni bid-dettalji tal-attività li ser tkun ser issir u tintbagħat kopja tar-reklam kif ikun ser jidher fuq il-paġna ta' Facebook. Il-fondi huma disponibbli għall-attivitajiet li jinżammu mill-1 ta' Diċembru 2019 sat-18 ta' Jannar 2020. It-talbiet bil-miktub għandhom jaslu għand ir-Reġjun sal-laqgħa ta' Novembru 2019 sabiex jiġu approvati.

28.3.4 Il-membri preżenti unanimament approvaw din l-iskema u dettalji dwar dan ser tintbagħat permezz ta' emejl mis-Segretarju Eżekuttiv għall-attenzjoni ta' kull Kunsill Lokali.

28.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa. Jeanette Galea, spjegat li kull Kunsill Lokali għandu jibgħat kopji tal-pagamenti li jkunu tħallsu minn kull Kunsill sabiex il-flus jiġu rifonduti.

## 28.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

28.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, informa lill-membri li ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet imressqa mill-membri.

28.4.2 *17:39pm – is-Sindku ta' San Ġwann, is-Sur Trevor Fenech, wasal għal din il-laqgħa.*

## 28.5 Rapporti

28.5.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, sejjaħ fil-kamra lill-Accountant tar-Reġjun, is-Sur Daniel Galea, sabiex jitressaq il-quarterly financial report għal perjodu minn Lulju 2019 sa Settembru 2019.

28.5.2 Is-Sur Michael Fenech Adami spjega wkoll li nhar it-Tlieta 22 t'Ottubru 2019, dan ir-Reġjun ġie infurmat mill-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali li wara li saret diskussjoni bejn id-DG flimkien mal-President ta' l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, kien hemm qbil sabiex il-performance Audit Fees tal-Kumitat Reġjonali għandhom ikunu mħalsa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u għalhekk ir-Reġjuni ser jiġi rifondut is-somma ta' €11,210.00.

28.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li dan id-dħul ikun inkluż fir-rapport tal-*quarterly* għall-aħħar tliet xhur tas-sena.

28.5.4 Wara spjegazzjoni dettaljata mis-Sur Galea kif ukoll wara li ġew mwieġba il-mistoqsijiet li tressqu mill-membri preżenti, ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu mill-membri preżenti.

28.5.5 *17:50pm – Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, u l-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, Dott. Angelo Micallef wasal għal din il-laqgħa.*

28.5.6 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija oħra mill-membri preżenti, il-President irringrazzja lis-Sur Daniel Galea talli kien preżenti u ippreżenta dan ir-rapport b'mod dettaljat.

28.5.7 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Keith Tanti, esprima mal-membri preżenti li dan ir-Reġjun għandu jużu l-fondi li għandu r-Reġjun.

28.5.8 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, issuġġerixxa li lejn l-aħħar tas-sena għandu jkun hemm diskussjoni bejn il-membri dwar x'inizjattivi jistà joħroġ dan ir-Reġjun sabiex isiru proġetti mal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

28.5.9 Is-Sur Michael Fenech Adami għamel referenza għall-laqgħa li kellu flimkien mad-Direttur, is-Sa. Marisa Pisani, dwar l-iskemi li ser jinħarġu fil-ġranet li ġejjin.

28.5.10 Hu żied jgħid kif il-fondi li ma ġewx utilizzati matul is-sena mill-Kunsilli Lokali, dawn ser jiġu trasferiti f'kont bankarju għal kull Reġjun sabiex dan il-flus ma jintilfux. Kull Kunsill ikun jistà japplika mar-Reġjun rispettiv sabiex il-proġett ikun jistà jsir.

## 28.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Formola ta' Proposti – Fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali*

28.6.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, għamel referenza għal din il-formola fejn ġiet imressqa fil-laqgħa ta' l-eżekuttiv ta' l-AKL nhar il-Ħamis 26 ta' Settembru 2019 u din ġiet approvata. Għal din ir-raġuni, l-amministrazzjoni ser tibda taħdem sabiex jibdew jitwetqu l-proġetti proposti.

- *Sistema ta' Scanning ta' Dokumenti relatati mat-Trinunal*

28.6.2 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri preżenti kif wara li kienet inżammet laqgħa mad-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, fil-preżenti tad-Direttur tal-Monitoraġġ u Sapport, is-Sur Christopher Galea, huwa bagħat jinforma lir-Reġjuni permezz ta' emejl li għandha ssir laqgħa għall-Kunsilli Reġjonali fejn ser ikunu diskussi diversi temi, inkluż dwar il-futur tat-Tribunal Lokali u ż-żamma ta' dokumentazzjoni.

- *Servizz ta' Prosekuturi fit-Tribunal*

28.6.3 Il-President spjega kif nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2019, l-uffiċċju tat-Tribunal irċieva emejl mingħand is-Sur Svetlick Flores fejn informa lir-Reġistrturi li s-sejħa li kienet ħarġet l-Aġezija, LESA, għas-servizz ta' prosekuturi ġiet konkluża u huwa ppjanat li l-prosekuzzjoni l-ġdida ser tibda b'effet mill-1 ta' Novembru 2019.

- *Servizz Legali għar-Reġjun Ċentru*

28.6.4 Il-President informa lill-membri kif b'konnessjoni mal-punt ta' qabel il-prosekutur Dott. Richard Sladden kien joffri servizz legali u għal din ir-raġuni, r-Reġjun għandu jikkonsidra li jkollu dan is-servizz billi sal-laqgħa li jmiss jiġu ppreżentati tlett kwotazzjonijiet għal dan is-servizz professjonali bir-rata ta' ħlas ta' kull siegħa.

28.6.5 Għal din ir-raġuni, peress li dan is-servizz ma jintużax spiss u peress li l-ammont globali m'għandux jaqbeż l-ammont ta' €5,000 għal perjodu ta' sena, is-Segretarju Eżekuttiv ser titlob tliet kwotazzjonijiet sabiex dawn jiġu mressqa fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

- *Uniformi*

28.6.6 Il-President informa lill-membri preżenti kif l-Accounts Officer, is-Sa Marthese Camilleri, għalqet is-sitt xhur ta' prova fl-1 ta' Ottubru 2019 u għal din ir-raġuni ġiet imressqa kwotazzjoni mingħand In Design għall-ammont ta' €289.78

28.6.7 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Proġett CREATE 2020*

28.6.8 Il-President għamel referenza għal dan il-proġett u spjega li l-uffiċċju amministrattiv qed iħejji l-preparamenti neċessarji sabiex jinżammu l-*intergenerational workshop* (li nżamm nhar il0Ġimgħa 18 t'Ottubru 2019, fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara) u r-*Regional Cultural Forum* (li ser jinżamm nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru 2019).

28.6.9 Is-Sur Fenech Adami spjega li sabiex jinżamm ir-*Regional Cultural Forum*, ġew imressqa tliet kwotazzjonijiet sabiex tiġi provduta sala bis-siġġijiet, projector, sistema ta' sound u ftit refreshments.

28.6.10 Il-membri preżenti qablu b'mod unanimu li dan il-forum għandu jinżamm fl-Urban Valley Hotel, San Ġwann.

28.6.11 Il-President żied jgħid li kull Kunsill Reġjonali għandu jappunta *Regional Strategy Working Group*:

- Persuna esperta fil-kultura u appuntata minn Mdina International – Dott. Valerie Visanich
- Rappreżentant tal-Kunsill Reġjonali – s-Sur Michael Fenech Adami
- Sergretarju Eżekuttiv li ser tirrappreżenta lis-Segretarju Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun – is-Sa Jeanette Galea
- Membru li ser jirrapreżenta NGOs kulturali lokali/reġjonali fi ħdan ir-Reġjun – Elton Micallef (President EngageStream).

28.6.12 Il-President spjega kif dan ir-Reġjun ried jaħtar Sindku/Kunsillier responsabbli mill-Kultura u ser jirrappreżenta lil Kunsilli Lokali kollha fi ħdan ir-Reġjun. Għal din ir-raġuni l-President staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi ħadd interessat li jkun dan ir-rappreżentant.

28.6.13 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manchè, esprima x-xewqa tiegħu sabiex ikun dan ir-rappreżżentant.

28.6.14 Il-membri preżenti unanimament approvaw lis-Sur Borg Manchè kif ukoll il-kumplament tal-kompożizzjoni ta' dan il-*working group*.

- *Kera tal-Garaxx f'Baħar iċ-Ċagħaq*

28.6.15 B'referenza għal dan il-President spjega li din il-kuntratt ta' tliet snin ser jiskadi f'April 2020 u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun talbet lis-sid jgħatina l-ammonti għat-tliet snin li ġejjin.

28.6.16 Is-sid offra li l-prezz għall-ewwel sentejn ikun dak ta' €5,000 u l-prezz għat-tielet sena ikun ta' €5,500.

28.6.17 Il-membri unanimament approvaw dawn l-ammonti u għal din ir-raġuni għandu jsir kuntratt uffiċċjali minn nutar, Dott. Dorian Sciberras li fis-snin li għaddew kien ħa ħsieb jiprepara l-kuntratti ta' l-uffiċċji amministrattivi tar-Reġjun bil-preżenza ta' Dott. Angelo Scibberras biex jgħati l-pariri tiegħu wkoll.

28.6.18 Għal din ir-raġuni ser isir laqgħa bejn iż-żewġ nutara flimkien mas-Sa. Galea sabiex jiġi ppreparat dan il-kuntratt u jingħata lis-sid għall-approvazzjoni.

- *Laqgħat bis-Sistema ta' Live Streaming u On Demand*

28.6.19 Il-President informa lill-membri preżenti dwar emejl li dan ir-Reġjun irċieva mingħand is-Sur Farrugia mill-ICT nhar it-Tlieta 15 ta' Ottubru 2019 fejn spjega kif permezz tar-riforma bl-emendi fil-liġi li daħħlu fis-seħħ fis-26 ta' April 2019, il-Kunsilli Reġjonali ġew obbligati mhux biss jittrasmettu l-laqgħat tagħhom permezz ta' *live streaming* iżda li jipprovdu tali trasmissjoni permezz ta' l-*on demand*.

28.6.20 Is-Sur Fenech Adami kompli jispjega li minħabba din ir-raġuni, ser ikun qed isir proġett pilota fil-Kunsilli Reġjonali u fl-istess waqt jiġi provdut l-apparat neċessarju u b'hekk dan ir-Reġjun ser jiltaqà mal-Unit sabiex jingħata aktar informazzjoni.

- *Ħaddiem RSSL*

28.6.21 Il-President informal ill-membri preżenti kif s-Sa. Galea kienet ġiet infurmata permezz tat-telefon li l-impjegat ta' l-RSSL, is-Sur John Abdilla, ser jiġi assenjat f'post ieħor mill-1 ta' Novembru.

- *Kunsill Lokali tas-Sliema*

28.6.22 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mressqa minn dan il-Kunsill Lokali sabiex il-fondi li għandu mis-surplus ta' LES jintużaw sabiex jitkompla x-xogħol li qed isir f'Ġnien l-Indipendenza permezz ta' *fencing*, bankijiet ġodda, xogħol u manutenzjoni fuq il-funtani u xiri ta' apparat ġdid fil-*playingfield*.

28.6.23 Il-membri preżenti unanimament approvaw din it-talba.

- *Sistema tal-Linja ta' Telefon*

28.6.24 Il-President spjega li peress li x-xogħol qed fir-Reġjun qed jiżdied, qed jibdew deħlin aktar telefonati u għal din ir-raġuni għandu jinxtara apparat ta' voice recorder sabiex il-linja tiġi maqsuma b'għażla.

28.6.25 Il-President żied jgħid li għandha tinxtara answering machine sabiex titwaħħal ma' l-uffiċċju tat-Tribunal sabiex f'każ li n-nies iċemplu f'ħin li l-uffiċċju jkun magħluq, dawn għandhom iċemplu waqt il-ħin tal-ftuħ ta' l-uffiċċju amministrattiv.

28.6.26 Il-membri preżenti unanimament approvaw ix-xiri ta' dan l-apparat.

- *Sejħa ta' Offerti għas-Servizz ta' Accountant*

28.6.27 Il-President għamel referenza għal din is-sejħa u ressaq fuq il-mejda rapport dwar l-evalwazzjoni sabiex din is-sejħa tingħalaq fil-ġranet li ġejjin.

28.6.28 Il-Membri preżenti unanimament approvaw dan ir-rapport u għal din ir-raġuni dan għandu jittella fuq is-sistema ta' l-EPPs u jinfetaħ il-perjodu ta' appell.

- *Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv*

28.6.29 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippropona sabiex ir-Reġjun jaħtar lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali Xlokk, lis-Sa. Antonella Galea, peress li fil-preżent ħadd mill-impjegati ma huwa adekwat għal din il-pożizzjoni.

28.6.30 Il-membri preżenti b'mod unanimu approvaw din il-ħatra.

28.6.31 Uħud mill-membri espremew li wieħed mill-impjegat għandu jitla' Skala 11 minn dik 13, minħabba x-xogħol siewi li jagħmel u peress li ilu f'dan l-imjieg għal dawn l-aħħar erba' snin. Eventwalment għandu jiġi kkunsidrat bħala Deputat meta jkun f'dan il-grad.

28.6.32 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni kif impjegata oħra fi ħdan ir-Reġjun ukoll ilha fi Skala 13 għal dawn l-aħħar erba snin u x-xogħol tagħha dejjem kien tajjeb.

28.6.33 Il-membri preżenti unanimament approvaw li dawn iż-żewġ impjegati għandhom ikollhom progressjoni fl-iskala u għal din ir-raġuni għandha tinħareġ sejħa interna fl-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

- *Kuntratt ma' l-EMCS Ltd.*

28.6.34 Il-President għamel referenza għal dan il-kuntratt u spjega li minħabba li din il-kumpanija għaddejja b'servizzi ma uħud mill-Kunsilli Lokali fir-Reġjun, għandu jsir direct order għal perjodu ta' erba' xhur. Mandakollu, meta ntalab parir mingħand is-Sur Christopher Galea, hu spjega li għalhekk id-Dipartiment qed iħejji sejħa ta' offerti għal dan is-servizz, għad m'hemm l-ebda indikazzjoni meta dan ser jibda.

28.6.35 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sa. Marisa Pisani sabiex jekk hemm bżonn li tinħreġ sejħa ta' offerti għal dan is-servizz, ikun jistà jitħallas mill-fondi allokati taħt l-ESC Plan. Il-President spjega kif is-Sa. Pisani laqat din it-talab ġaladarba għad hemm il-fondi.

- *Talba għall-Akkumulazzjoni ta' Vacation Leave mis-Segretarju Eżekuttiv*

28.6.36 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ressaq fuq il-mejda t-talba mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa. Jeanette Galea, sabiex jiġu akkumulati sitta u ħamsin siegħa ta' *vacation leave* għas-sena 2020.

28.6.37 Il-membri preżenti unanimament approvaw din it-talba.

- *Ikla tar-Reġjun fi żmien il-Milied*

28.6.38 Il-President ippropona sabiex l-ikla li ssir b'mod annwali għal membri tar-Reġjun flimkiem ma' l-impjegati ta' l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun issir f'Jannar 2020 minflok Diċembru 2019 minħabba li diffiċli tinsab ġurnata komuni matul ix-xahar ta' Diċembru.

28.6.39 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *Ċekk pendenti ta' Dott. Richard Sladden*

28.6.40 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, għamel referenza għas-servizz legali li kien qed jgħati kull darba li kien ikun hemm każ t'appell. Hu spjega kif Dott. Richard Sladden kien maħtur fi żmien il-Kunitat Konġunt ta' Birkirkara u kien sar xi fteħim sabiex jithallas b'rata għal dan is-servizz.

28.6.41 Il-President talab lis-Sindku ta' Ħal Lija, lis-Sur Anthony Dalli, li fi żmien il-Kumitat Konġunt ta' Birkirkara kien il-President u sabiex jikkonferma li kien hemm dan il-qbil.

28.6.42 Is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, spjega jiftakar li bħala Kumitat Konġunt kienu jużaw is-servizzi legali ta' Dott. Richard Sladden pero ma setax jiftakar x'kienu l-arranġamenti peress li dan kien żmien ilu.

28.6.43 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-problema fuq dan il-pagament kienet li l-kuntratt li dejjem mexa fuqu dan ir-Reġjun kien dak li kien inħareġ mill-Kumitat Konġunt ta' Lvant u mhux ta' Birkirkara peress li kien ġie xolt. Għal din ir-raġuni l-kuntratt kien qed jgħattat lil Dott. Sandra Sladden u skond il-kuntratt is-servizz sabiex titlà l-Qorti f'każ t'appelli kien mingħajr ħlas.

28.6.44 Il-President issuġġerixxa li dan il-pagament għandu jitħallas fil-laqgħa li jmiss sabiex da nil-pagament ma jibqax pendenti b'mod speċjali peress li minn Novembru 2019 dan ir-Reġjun mhux ser ikun qed juża s-servizzi ta' Dott. Sladden bħala prosekutur.

28.6.45 Il-membri preżenti approvaw b'mod unanimu li jinħareġ dan il-pagament fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

28.6.45 *18:33 – is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

## 28.7 Xogħol Vakanti – Clerk (Skala 15 – *Part Time)*

28.7.1 Il-President għamel referenza għal din il-vakanza li kienet miftuħa għal dawk kollha li huma rreġistrati mal-Jobsplus u kull applikant eleġibbli kelli ċ-ċans li jibgħat is-CV samhux mhux aktar tard mill-Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2019.

28.7.2 Il-President spjega kif peress li dan ir-Reġjun ma rċieva l-ebda applikazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun infurmat lil Jobsplus dwar dan u r-Reġjun inghata l-approvazzjoni sabiex din is-sejħa tinħareġ b'mod estern.

28.7.3 Għal din ir-raġuni, kien hemm qbil sabiex is-Segretarju Eżekuttiv toħroġ is-sejħa b'mod estern billi tiġi ppublikata fil-gażżetta tal-Gvern, il-gażżetta l-Indipendenza u The Times, kif ukoll tiġi ppubikata fuq il-paġna ta' Facebook tar-Reġjun.

## 28.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

28.8.1 Is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondat mis Sindku tal-Gżira, is-Sur Conrad Borg Manche, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 26A u 26B.

## 28.9 Mozzjonijiet

- *Aġġornament fuq il-Mozzjoni mressqa minn Dott Albert Buttigeg dwar l-iskart*

28.11.1 Il-President spjega kif nhar it-Tnejn 28 ta' Ottubru 2019 kellha tinżamm laqgħa mas-CEO tal-Lands Authourity, is-Sur James Piscopo. Madankollu l-laqgħa saret mas-Senior Manager Research and Policy, is-Sa. Catherine Fenech u għaliha kienu preżenti s-Sur Conrad Borg Manche, is-Sur Albert Buttigieg, is-

Segretarju Eżekuttiv ta' l-Imsida, is-Sur Alan Vella, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa. Jeanette Galea. Peress li l-President ma setax jattendi għal din il-laqgħa minħabba laqgħa oħra, huwa talab lis-Sur Conrad Borg Manchè sabiex jispjega x'kien ġie diskuss f'din il-laqgħa.

28.11.2 Is-Sur Conrad Borg Manchè spjega kif il-LA m'għandhomx informazzjoni fuq il-condominium administrators pero tqajmu l-problemi ta' l-*encroachments* fuq l-*outside catering* b'mod speċjali ġew mitluba li l-Kunsill ikollu l-pjanti ta' fejn isiru l-*platforms*.

28.11.3 Il-President spjega kif aktar kmieni filgħodu, saret laqgħa maċ-Chairman tal-Malta Tourism Authority, Dott. Gavin Gulia fejn għalija kienu preżenti s-Sindku ta' San Ġiljan, Dott. Albert Buttigieg, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, is-Segretarju Eżekuttiv ta' l-Imsida, is-Sur Alan Vella, is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, is-Sa. Galea, flimkien mal-President tar-Reġjun.

28.11.4 Din il-laqgħa saret minhabba l-problema ta' l-iskart minħabba l-kirjiet ta' *short lets*. Waqt din il-laqgħa hu psjega li ser jiprova jieħu f'idejh it-tmexxija ta' kumitat li diġa hemm pero li jiltaqa biss darba fis-sena u jsir proġett pilota mal-loklitajiet turistiċi.

28.11.5 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur Anthony Chircop, issuġġerixxa li meta 'l quddiem ikun hemm xi laqgħa bħal dawn iż-żewġ laqgħat, huwa talab sabiex il-persuni li ser ikunu preżenti għandhom jiltaqgħu mqarr nofs siegħa qabel il-laqgħa sabiex tiġi dikussa l-materjal li ħa tkun diskussa.

28.11.6 Il-membri preżenti qablu dwar dan.

## 28.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

28.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 28 ta' Novembru, 2019 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 28 ta' Novembru, 2019.

IFFIRMATA

Michael Fenech Adami
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv